Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)

vs

Joseph Borg

Illum 28 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Joseph Borg, iben Vincent u Carla nee' Borg, imwieled B'Kara fil-5 ta' Novembru, 1954, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-25 ta' Mejju 1996, f'xi hin bejn l-3.45pm u it-7.45pm, waqt li kien fl-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura tal-ghamla Mini Minor, bin-numru tar-registrazzjoni T-0813, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija (LM500) imma li tiskorri il-valur ta' hamsin lira Maltija (LM50) saret ghad-detriment ta' Brian Fenech mill-Imsida;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jixhed minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Lulju, 2001 fejn kienet osservat li kien ilu ma jsir xejn f'din il-kawza mill-14 ta' April tas-sena 2000 u illi minn dakinhar sal-11 ta' Lulju, 2001 il-kawza kienet dejjem qeghda tigi differita fuq xi skuza jew ohra.  Ghaldaqstant il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-1 ta' Novembru, 2001 u dana peress li l-Avukat difensur kien gie akkordat sena u tlett xhur sabiex jaghmel id-difiza tieghu pero' naqas milli jaghmel hekk;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-25 ta' Mejju, 1996 kien sar rapport fl-ghassa tal-Imsida minn certu Brian Fenech li joqghod 11, Tower Street, Msida fejn qal illi meta kellu l-vettura tieghu ipparkjata quddiem il-bieb vicin id-dar tieghu; liema vettura kellha numru ta' registrazzjoni T 0813 u kienet tal-ghamla Mini Minor, il-garr tieghu l-imputat fuq imsemmi li joqghod 12, Tower Street, Imsida kien irriversja ripetutatament il-vettura tieghu fil-vettura tal-imsemmi Brian Fenech sabiex jikkagunalu l-hsara fil-vettura. Brian Fenech kompla jghid lill-pulizija illi meta mar ikellem lill-imputat dan kien nizel ghalih b'hadida u anke beda jheddu. Illi l-Ispettur Bartolo kien tkellem ma Brian Fenech illi kien spjegalu illi l-imputat kien dahal darbtejn fil-vettura tieghu peress illi irriversja go fiha. Huwa qallu illi l-vettura tal-imputat kienet tal-ghamla Triumph u kellha numru ta' registrazzjoni T 7741. L-Ispettur Bartolo tkellem ma Brian Fenech fis-sens illi staqsih jekk kellux xi xhieda ghal dan l-incident u Brian Fenech indikalu lil Mary Calleja li toqghod Casolani House, Tower Street, Imsida illi ikkonfermat mal-pulizija illi kienet rat l-incident jigri, rat lill-imputat jirriversja

darbtejn il-vettura tieghu fil-vettura ta' Brian Fenech u rat ukoll lill-imputat jinzel ghal Brian Fenech b'hadida f'idejh.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qalilhom illi huwa kellu vettura Peugeot Station Wagon bin-numru tar-Registrazzjoni T-7741. Illi hu qal illi n-numru l-gdid tar-registrazzjoni ta' din il-vettura ma kienx jafu bl-amment. Huwa ikkonferma li kien jaf lil Brian Fenech illi joqghod ma gembu bieb ma bieb. Ikkonferma wkoll illi ilu hames snin miggieled ma Brian Fenech fuq xi kwistjonijiet illi kellu mieghu. L-imputat fuq imsemmi stqarr mal-pulizija illi fil-25 ta' Mejju, 1996 ghall-habta tal-4.00p.m. jew ftit qabel huwa mar jipparkja l-vettura tieghu quddiem il-bieb tad-dar tieghu u beda jipprova jipparkja bejn zewg vetturi, li wahda minnhom kienet il-Mini Minor ta' Brian Fenech. Huwa ikkalkula li kien jidhol fl-ispazju illi kellu, imma sabiex jipparkja kellu jersaq lura u 'il quddiem bil-vettura tieghu diversi drabi. Huwa u jaghmel hekk l-imputat qal illi ra lil Brian Fenech idur tond mal-karozza tieghu u dana sabiex ma jolqtux laqatlu l-fanal tal-Mini Minor tieghu. L-imputat kompla jistqarr mal-pulizija illi meta laqat il-fanal ta' Brian Fenech dan beda jargumenta mieghu. Huwa baqa fil-karozza u Brian Fenech qallu illi minn fuq dahru kien ser

igib il-karozza u li kien ser imur ghand il-pulizija u telaq minn fuq il-post. Ftit wara gew il-pulizija. L-imputat cahad illi kien nizel ghal Brian Fenech b'bicca hadida. Cahad ukoll illi kissirlu l-mera tal-karozza b'din il-hadida. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi Brian Fenech beda idur kontinwament madwar il-vettura tieghu meta kien qieghed jipprova jipparkjaha. Huwa qal illi Brian Fenech kien fil-bieb qieghed jistennih u qal ukoll illi dar mal-vettura tieghu darbtejn zgur. Huwa kompla jispjega illi Brian Fenech mhux dar mal-vettura tieghu dawramejt imma beda jippassigga ma gembu minn quddime ghal wara tal-karozza u b'dan l-agir fixklu u laqatlu l-fanal tal-karozza. Mistoqsi ghal fejn ma hallihx il-karozza kif kienet meta gara l-incident u sejjah lill-pulizija l-imputat wiegeb illi ghamel hekk ghaliex kien qieghed jaghlaq it-triq. Bhala hsara l-imputat qal illi jaf illi kissirlu l-fanal tal-lemin biss u cahad illi ghamillu wkoll id-daqqa illi kellu fuq wara tal-karozza tieghu. L-imputat kompla isostni illi huwa kien jaf illi Brian Fenech kellu l-hsara fil-bagol tal-vettura tieghu qabel ma sehh l-incident in kwistjoni.

Illi xehed Brian Fenech u qal illi dakinhar tal-incident filghaxija kien diehel id-dar, kien ipparkja l-vettura tieghu

Mini Minor u kien sejjer lejn id-dar tieghu. Huwa u jiftah il-bieb sema hoss ta' fanal ifaqqa. Dar u ra lill-imputat bil-Peugeot tieghu li kien dahal fil-vettura tieghu. Huwa kompla jghid illi ghamel zewg passi u ha qatgha kif rah jaghmel dik il-manuvra peress illi irriversja u dahal fil-vettura tieghu. Huwa qal illi din grat darbtejn u l-karozza gabhielu thabbat mal-hajt biex b'hekk hu seta jipparkja. Brian Fenech ikkonferma illi hu u l-imputat kellhom l-inkwiet bejn il-familji u kellhom ukoll xi kawzi l-Qorti omm Brian Fenech u l-imputat. Brian Fenech kompla jixhed illi meta l-imputat ipparkja kien hemm il-mara tieghu mieghu u t-tifel fuq in-naha ta' wara. Huwa ra lill-imputat hiereg minn gol-bieba b'hadida f'idejh, gej lejh. Ix-xhud kompla jghid illi l-mara tal-imputat zammitu u huwa qabad bil-prudenza kollha dahal gewwa u cempel l-ghassa tal-pulizija. Brian Fenech kompla jghid illi xi hames xhur wara ommu kienet qeghda titkellem ma gara illi kienet qaltilha illi kienet rat l-incident jigri u li din il-gara kien jisimha Mary Calleja. Brian Fenech qal illi ha l-karozza sabiex jaghmlulha stima ghall-hsarat illi kellha li pero' ma esebihiex dakinhar illi xhed. Ipprometta li ghamel hekk fis-seduta illi jmiss.

Illi xehdet Mary Calleja u qalet illi darba minnhom ilu fuq sena, kien is-sajf u hija kienet fil-veranda bil-qeghda fuq siggu u semghet hoss qisu xi haga tinkiser. Harget tittawwal minn goc-cinta u rat lill-imputat. Rat ukoll il-karozza ta' Brian Fenech ipparkjata mal-hajt l-iehor u lill-imputat jirriversja lura. Ratu wkoll jolqot il-karozza ta' Brian Fenech, jolqtilha l-fanal. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat irriversja darbtejn b'lura u qalet illi faqghalu l-bonnet kollu. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat hareg b'hadida f'idejh sabiex jaghmel ghal Brian Fenech. Brian dahal 'il gewwa u hija dahlet 'il gewwa wkoll. Ix-xhud kompliet tghid illi l-veranda illi ghandha qeghda proprju mat-triq. Ix-xhud kompliet tghid illi mart l-imputat zammitu u b'hekk l-imputat rega dahal fil-karozza. Umbaghad qalet li ma taf xejn aktar ghaliex gie zewgha id-dar u hija harget mieghu. Ix-xhud kompliet tghid illi l-ewwel daqqa semghetha u mhux ratha, pero' t-tieni daqqa ratha b'ghajnejha stess jigifieri rat lill-imputat jiehu 'il quddiem u jirriversja lura. Hija qalet illi l-imputat dahal fil-vettura ta' Brian darbtejn u l-'bonnet' kienet 'total loss'. Ix-xhud ikkonfermat illi kien hemm l-inkwiet bejnha u bejn il-familja tal-imputat.

Illi rega xehed Brian Fenech u qal illi l-hsarat ikkagunati mill-imputat fuq imsemmi dakinhar tal-incident kienu jammontaw ghal mitejn lira u tmenin centezmu (LM200.80) u illum il-gurnata huwa sewwa dawn il-hsarat minn butu.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u qal illi fil-gurnata in kwistjoni huwa kien qieghed jirritorna d-dar minghand it-tabib. Fil-karozza kellu mieghu lil mara u tifel zghir. Il-mara kienet tqila u kien ghalhekk illi kienu marru ghand it-tabib. Kif wasal id-dar bil-karozza huwa dahal ‘il quddiem u beda jirriversja sabiex jipparkja l-vettura tieghu. X’hin kien qieghed jirriversja, dejjem skond l-imputat, huwa ra lil Brian Fenech li kien bil-mixi li darlu mal-karozza tieghu minn wara u biex ma jolqtux laqat ftit biss il-fanal ta’ wara tal-karozza tieghu. L-imputat xehed li dan ma ghamlux bl-intenzjoni li jikkaggunalu hsara fil-karozza tieghu imma biex ma jolqotx lilu. Huwa kompla jixhed illi apparti minn hekk fuq in-naha l-ohra kien hemm Van Transit kbir maghluq, fis-sens li ma seta jara xejn minhabba f’dan il-van Transit u lanqas haddiehor ma seta jara minhabba dan il-van u mid-dar tieghu ghad-dar l-ohra kien hemm tul ta’ hamest idjar. L-imputat kompla jixhed illi kif laqatlu l-vettura Brian Fenech hareg jghajjat mill-karozza

tieghu, beda jidghi u beda jheddu.  Qallu ma iddumx haj mieghi ghax naghtik xebgha katina.  L-imputat xehed illi baqa fil-karozza.  Umbaghad Brian Fenech wara ftit dahal fid-dar tieghu u hu, jigifieri l-imputat ukoll dahal fid-dar tieghu.  X'hin dahal id-dar minn gewwa sema' lil Brian Fenech ighid, "minn fuq dahru ingibha l-karozza, ingibha gdida."  L-imputat kompla jixhed illi l-karozza ta' Brian Fenech kienet Mini Minor, kellu r-roti kollha differenti, kuluri differenti, kellu is-sadid, 'bonnet' imkisser u l-'luggage' ta' wara imkisser ukoll.  L-imputat xehed illi l-vettura tieghu hija Peugeot Station Wagon li kienet ilha li harget madwar 4 snin u li kien jibza hafna ghaliha.  L-imputat xehed illi wara dan l-incident il-pulizija ma baghtux ghalih u lanqas ma baghat ghalih l-Ispettur sabiex jinterrogah dwar l-allegat incident.  Meta sema' li kellu jitla l-Qorti l-imputat qal li kienu ghaddew kwazi sentejn mid-data tal-incident.  L-imputat kompla jixhed illi qabel ma bdew dawn il-proceduri l-Ispettur Bartolo kien tellghu darbtejn id-Depot b'hafna theddid u kien qallu, "naqlalek ghajnejk."  Skond l-imputat l-Ispettur qallu illi Brian Fenech kien habib tieghu.  Meta inqratlu l-istqarrija li ta lill-pulizija l-imputat ikkonfermaha.  Huwa qal illi accidentalment kien laqat il-fanal tal-karozza ta' Brian Fenech u ftakar illi Brian Fenech diga kellu daqqa

fil-bagol tal-karozza. L-imputat xehed illi l-Ispettur Bartolo heddu hu u jehodlu l-istqarrija. Huwa xehed illi Brian Fenech kien fil-bieb meta huwa kien tiela u x'hin rah tiela hareg mill-bieb u qasam lejn il-karozza tieghu u waqaf fid-dar tal-bieb tieghu u x'kien qieghed jaghmel hemm hekk ma jafx. L-imputat kompla jixhed illi Brian Fenech beda idurlu mal-karozza hu u jirriversja u x'hin kien gej u tela fuq biex jirriversja Brian Fenech kien hdejn il-bieb, hareg u qasam hdejn il-vettura tieghu. Sadanittant hu jigifieri l-imputat kien qieghed jirriversja u Brian Fenech beda jdurlu mal-karozza dawra tond. L-ewwel dawra kienet dawra tond, umbaghad beda tiela u niezel mal-karozza tieghu kif qal fl-istqarrija tieghu. L-imputat kompla jghid illi ma kienx jaf jekk Brian Fenech darx darbtejn dawra tond jew inkella dawra biss peress illi issa ghadda z-zmien u nesa. Finalment huwa xehed illi l-bagol tal-Mini Minor ta' Brian Fenech kien miksur u huwa laqatlu biss il-fanal ta' wara. Huwa xehed illi jaf li fuq il-bagol kellu daqqa u jaf ukoll pero' illi l-fanali tal-vettura ta' Brian Fenech ma kienux miksura qabel ma dahal fil-vettura tieghu hu, jigifieri l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat bi hsara volontarja u cioe' billi ghamel hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Mini Minor, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, imma tiskorri l-hamsin lira ghad-detriment ta' Brian Fenech. Il-Qorti wara li fliet sew il-provi prodotti rat illi l-imputat u Brian Fenech taw zewg verzjonijiet kompletament differenti minn ta' xulxin.

Illi l-imputat dejjem ta' l-istess verzjoni. Jigifieri meta gie arrestat mill-pulizija u irrilaxxja l-istqarrija tieghu dejjem qal illi huwa kien laqat il-vettura ta' Brian Fenech b'mod accidentali, laqatlu biss fanal fuq wara u dana peress illi skond l-imputat Brian Fenech kien qieghed barra t-triq meta huwa wasal bil-karozza tieghu u kif kien qieghed jimmanuvra sabiex jirriversja u jipprova jipparkja l-vettura tieghu bejn zewg karozzi u l-karozza ta' wara kienet dik ta' Brian Fenech, Brian Fenech darlu mal-karozza, jigifieri mal-karozza tal-imputat darba jew darbtejn, l-imputat b'konsegwenza ta' hekk infixel, beza li kien ser jolqot lil Brian Fenech u fil-fixkla biex ma jolqotx lil Brian Fenech laqatlu l-vettura tieghu.

Illi l-imputat ammetta wkoll mal-pulizija illi huwa kellu kwistjoni ma Brian Fenech.

Illi l-istess Brian Fenech meta xehed fil-Qorti ammetta illi hu kellu kwistjoni mal-imputat fil-Qorti li kienet tirrigwarda lil ommu.

Illi kemm l-imputat u kif ukoll Brian Fenech xehdu illi meta l-imputat ghamel il-manuvra illi ghamel bir-'reverse' u laqat il-vettura ta' Brian Fenech kellu mieghu lil martu u lit-tifel tieghu.

Illi l-unika xhud hekk imsejjha indipendenti kienet Mary Calleja, gara li toqghod fl-istess triq ta' fejn gara l-incident u din Mary Fenech telghet tixhed il-Qorti u ikkonfermat ix-xhieda ta' Brian Fenech fis-sens illi l-imputat deliberatament dahal fil-vettura ta' Brian Fenech u ikkagunalu hsara volontarja fiha. Ili din Mary Calleja xehdet in kontro-ezami pero' illi hija ghandha l-inkwiet fil-Qorti mal-imputat ghaliex skond hu dana kien wadbilha l-ilma u wara li kienet inqatghet il-kawza eventwalment giet deciza.

Illi fid-dawl ta' din ic-cirkostanza il-Qorti ma tqisx illi x-xhud Mary Calleja hija xhud kredibbli.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi rinfaccjata b'sitwazzjoni ta' zewg verzjonijiet konfligenti l-Qorti tara li jezisti dubbju ragonevoli, liema dubbju ragonevoli ghandu dejjem imur favur l-imputat.

Illi wiehed ghandu jikkonsidra wkoll il-fatt illi l-imputat fiz-zmien illi gara dan l-incident in kwistjoni kellu lit-tifel iz-zghir tieghu fil-karozza u lil mara tieghu li kienet ukoll tqila.

Illi ghalhekk huwa inverosimili illi l-imputat kien ser jaqbad u johloq incident f'dawn ic-cirkostanzi, aktar u aktar meta Brian Fenech kien qieghed jarah jaghmel il-manuvra illi ghamel meta irriversja l-vettura tieghu.

Illi hija aktar probabbli l-verzjoni illi ta' l-imputat u cioe' illi dak illi gara kien accidentali u ma kienitx xi haga intenzjonata mill-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi bhala **mhux hati** tal-imputazzjoni dedotta kontra

tieghu u qeghda **<u>tilliberah</u>** minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur